31992L0004

L 55/96 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 29.2.1992

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 92/4/KEE

ta' l-10 ta' Frar 1992

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 78/663/KEE li tistabbilixxi kriterji speċifiċi tal-purità għal emulsjonanti, stabbilizzaturi, *thickeners* u *gelling agents* għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar additivi għall-ikel awtorizzati sabiex jintużaw f'oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Billi kont tenut ta' l-ispeċifikazzjonijiet kif adottati mill-*Codex Alimentarius* u sabiex jingħata kas ta' tekniki ġodda ta' produzzjoni, huwa meħtieg li tigi emendata d-Direttiva tal-Kunsill 78/663/KEE [2], kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 90/612/KEE [3];

Billi, bi qbil ma' l-Artikolu 6 tad-Direttiva 89/107/KEE, il-Kumitat Xjentifiku ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel ġie kkonsultat fuq id-dispożizzjonijiet li aktarx jaffettwaw is-saħħa pubblika;

Billi, il-miżuri li għalihom hemm provvediment f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Oġġetti ta' l-Ikel.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness għad-Direttiva 78/663/KEE huwa hawnhekk emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Direttiva.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 1993, u għandhom jinfurmaw mill-ewwel lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal referenza bħal din għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Frar 1992.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Viċi-President

[1] ĠU L 40, tal-11.2.1978, p. 27.
[2] ĠU L 223, ta' l-14.8.1978, p. 7.
[3] ĠU L 326, ta' l-24.11.1990, p. 58.

L-ANNESS

L-Anness għad-Direttiva 78/663/KEE huwa emendat kif ġej:

Taħt E 473 – *Sucrose esters*:

(a) l-aħħar sentenza fil-punt dwar id-deskrizzjoniji kimika hija mibdula bis-sentenza li ġejja:

"L-ebda solvent organiku għajr *dimethylsulphoxide, dimethylformamide, ethylacetate, isopropanol, isobutanol* u *methylethylketon* ma jista' jintuża fil-preparazzjoni tagħhom."

(b) taħt il-punt dwar il-kontenut ta' *isobutanol*, huwa miżjud il-punt li ġej:

"Il-kontenut ta' *methylethylketon*/mhux aktar minn 10 mg/kg."